TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Ġunju, 2023**

**Talba Nru: CCT50/23/DS**

**Carmelo u Mary Grace Schembri**

**Vs**

**V.Demajo and Brothers**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fis-17 ta' Marzu, 2023 fejn talbu illi s-soċjeta' intimata issewwi *dishwasher* illi kienet difettuża fl-*electronic touch buttons* b'mod immedjat f'inqas minn gimgħa jew tipprovdi *dishwasher* oħra. Barra minn hekk talbu illi l-garanzija titwal b'kemm għaddew xhur mill-ewwel tas-sena 2023 sad-data tat-tiswija.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ la intavolat risposta u lanqas deher rappreżentant tagħha biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri. Illi għaldaqstant dan it-Tribunal iddikjara lis-soċjeta' attriċi kontumaċi pero' taha ċans tagħmel nota ta' sottomissjonijiet illi hija fil-fatt m'għamlitx.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni.

**Ikkunsidra**

Illi l-atturi xtraw *dishwasher* bil-prezz ta' tlett mija u disgħa u disgħin Ewro (€399) mingħand is-soċjeta' intimata f'Settembru, 2020 liema *dishwasher* kellha tlett snin garanzija kif setgħa jiġi kkonstatat mill-provi prodotti.

Illi din id-*dishwasher* kienet difettuża fl-*electronic touch buttons* illi ma bdewx jaħdmu u s-soċjeta' intimata kienet diġa sewwiet l-istess *dishwasher* fl-2021 billi bidlet it-touchpad wara gimgħat stennija għall-*parts*.

Illi dan id-difett irrepeta ruħu sena wara u cioe f'Settembru, 2022 pero' s-soċjeta' intimata rrifjutat illi ssewwi mingħajr ħlas. Għalkemm brevement ħadmet bil-*mobile app*, minn Jannar, 2023 din id-*dishwasher* waqfet taħdem kompletament. *Emails* u ittri sabiex issir it-tiswija neċessarja ma ġewx imwieġba.

Illi t-Tribunal jinnota illi l-garanzija tagħmel eċċezzjonijiet fejn jidħlu komponenti elettroniċi pero' ma jirriżultax illi f'dan il-każ japplikaw tali eċċeżżjonijiet.

Illi il-verżjoni tal-atturi m'hijiex kontradetta u dan it-Tribunal m'għandu l-ebda raġuni għalfejn ma jemminiex.

Illi it-talba tal-attriċi hija ristretta għal waħda sabiex issir it-tiswija neċessarja u jitranġa ż-żmien tal-garanzija a spejjez tas-soċjeta' intimata liema talba m'hijiex *money claim*. Artiklu 20(1) tal-Kap 378 jagħti lit-Tribunal "*ġurisdizzjoni li jaqta' talbiet magħmula minn konsumaturi kontra kummerċjanti meta l-valur tat-talba*" ma jkunx iktar minn €5,000, "*u meta t-talba jkollha x'taqsam.. max-xiri jew kiri ... jew l-għoti ta' servizzi*". Imkien ma tipprojbixxi deċiżjonijiet li jimponu ordni "*di fare*" bħal dik mitluba mill-attriċi.

Illi għaldaqstant il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal ma tidhirx ristretta, bħalma hi tat-Talbiet Żgħar, fejn il-gurisdizzjoni permezz ta'Artikolu 3 tal-Kap. 380 hi limitata għal "*talbiet kollha ta' flus*" (fit-test Ingliz, *money claims*). F'dan il-kuntest issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Giuseppi Caruana vs Charles Psaila (21 ta' Marzu 1997).**

Finalment it-Tribunal ma jistgħax ma jinnotax illi din id-*dishwasher* ilha bil-ħsara sa minn Settembru, 2023 u minn Jannar 2023 fi stat illi ma tistgħa tintuża bl-ebda mod u dan qiegħed jikkawża inkonvenjent serju lill-attriċi illi tbagħti minn *contact eczema* illi tiggrava meta jkollha taħsel b'idea u li l-iskop li tixtri dishwasher kien propju sabiex ma tkomplix tgħarraq is-sitwazzjoni ta' saħħitha.

Illi barra min hekk dan it-Tribunal jinnota kif in-nuqqas ta' rappreżentant tas-soċjeta' intimata biex tiddefendi l-pużizzjoni tagħha meta debitament infurmata bil-proċeduri odjerni huwa sinjal ta' diżrispett kemm lejn il-klijenta tagħha kif ukoll lejn dan it-Tribunal.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi Artikolu 73 tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi oġġett għandu jiġi kkunsinnat konformi mal-kuntratt tal-bejgħ b'mod illi jkollu, fost affarijiet oħra il-funzjonalita' rikjesta. Illi id-*dishwasher* mertu ta' din il-kawża jidher illi hija difettuża b'mod illi qiegħda timpinġi fuq il-funzjonalita' vera u propja tagħha bħala magna tal-ħasil ta' oġġetti kulinarji u/jew abbinati mal-ikel u x-xorb.

Illi f'każ ta' nuqqas ta' konformita' il-konsumatur għandu jkun intitolat illi l-oġġett jinġieb f'konformita' permezz ta' tiswija jew sostituzzjoni, jew li jitnaqqas il-prezz tiegħu jew illi jittermina l-kuntratt. Artikolu 75(2) pero' jgħid illi tiswijiet jew sostituzzjonijiet għandhom jitwettqu (b) "*fi żmien raġjonevoli mill-mument li l-bejjiegħ ikun ġie infurmat mill-konsumatur dwar in-nuqqas ta' konformita*'" u (c) "*minghjar l-ebda inkonvenjent sinifikanti għall-konsumatur, filwaqt li jitqiesu n-natura tal-oġġetti u l-iskop li għalieh il-konsumatur kellu bżonn l-oġġetti.*"

Illi diġa għadda żmien konsiderevoli u ċertament mhux wieħed raġġjonevoli minn mindu l-konsumaturi u cioe l-atturi nfurmaw lis-soċjeta' intimata bid-difett u għaldaqstant bin-nuqqas ta' konformita' pero' l-istess soċjeta' intimata għażlet li tinjora kompletament lill-klijenti tagħha sal-punt illi lanqas indenjat ruħha tidher quddiem dan it-Tribunal meta debitament innotifikata. Barra min hekk meta fl-ewwel okkażjoni inbidel l-*electronic touch pad* l-atturi damu gimgħat sħaħ jistennew il-*parts* w'għaldaqstant dan kombinat ma dak li għadu kemm intqal, ma jħallix dubju f'moħħ dan it-Tribunal illi jekk ser tipprova ssir tiswija jew sostituzzjoni tal-istess *touch pad* dan ser ikun a skaptu ta' saħħet l-attriċi minħabba d-dewmien u ċertament b'inkonvenjent sinifikanti għaliha, li propju xtrat id-*dishwasher* biex tkun tista' tevita kull kuntatt mal-ilma tal-ħasil tal-platti minħabba l-kundizzjoni medika tagħha.

Illi l-alternattiva l-oħra hija li jiġi tterminat il-kuntratt ta' bejgħ. Il-liġi f'Artikolu 74(3)(b) tistipula illi tali terminazzjoni il-konsumatur għandu jkollu d-dritt għaliha "*...jekk jirriżulta nuqqas ta' konformita' minkejja li l-bejjiegħ ikun prova jġib l-oġġetti in konformita'*". Illi f'dan il-każ, diġa kien hemm ħsara emanenti mid-difett fl-*electronic panel* li prova jiġi tranġat pero' kif jidher ċar tali difett reġgħa tfaċċa u għaldaqstant il-konsumaturi *de quo* kellhom kull dritt illi jitolbu li jitterminaw il-kuntratt. Ta' min jinnota pero' illi t-talba tagħhom ma tinkludix talba biex jiġi tterminat il-kuntratt iżda tinkludi biss talba sabiex fl-għar ipotezi jiġu provduti

*b'dishwasher* oħra. *Stante* illi l-liġi tagħti dan id-dritt lill-konsumatur u ma jidhirx illi l-konsumaturi f'dan il-każ talbu li jagħmlu użu minn dan id-dritt dan it-Tribunal ser jillimta ruħu għat talbiet magħmula b'dana illi minflok is-sostituzzjoni tal-*electronic panel* tordna s-sostituzzjoni tad-*dishwasher* fl-intier tagħhha b'dana illi l-garanzija abbinata magħha għandha tibda' tgħodd mill-ġdid. Din id-*dishwasher* għandha tiġi kkunsinnata lill-atturi fi żmien gimgħa u għandha tkun tal-istess kwalita', funzjonalita' u simili fil-karatteristiċi bħad-*dishwasher* mertu tal-kawża jekk is-sostituzzjoni ma tkunx tista' ssir ma *dishwasher* tal-istess għamla eżatti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provaw il-każ tagħhom suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħhhom għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament għas-sostituzzjoni tad-*dishwasher* fl-intier tagħhha b'dana illi l-garanzija abbinata magħha għandha tibda' tgħodd mill-ġdid. Din id-dishwasher għandha tiġi kkunsinnata lill-atturi fi żmien gimgħa u għandha tkun tal-istess kwalita', funzjonalita' u simili fil-karatteristiċi bħad-dishwasher mertu tal-kawża jekk is-sostituzzjoni ma tkunx tista' ssir ma *dishwasher* tal-istess għamla eżatti.

Dan it-Tribunal jordna wkoll lill-kummerċjant iħallas lill-atturi l-ammont ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75) f'danni morali għall ħsara, ansjeta' u inkonvenjenza lill-atturi in vista' taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**